**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 23 ta' Jannar, 2019**

Numru 13

**Rikors Guramentat Nru. 1230/2018**

**Jasmine Vassallo**

**vs**

**Kristinu Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-7 ta' Dicembru 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat kien kuratur tan-neputija tieghu, l-attrici li tigi bint bintu Ramona Vassallo.

2. Illi l-intimat kellu flus appartenenti lil bint bintu ossija l-attrici depositati f'ismu mal-HSBC Bank Malta plc, account Jasmine Vassallo u li qabel parti minnhom kienu depositati f'Bonds tal-Gvern mal-Malta Stock Exchange kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi r-rikorrenti talbet lill-intimat b'ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2015 biex jirritornalha l-flus li kien hemm depositati fl-account imsemmi imma huwa rrifjuta li jaghmel dan.

4. Illi l-flus depositati f'account f'ismu ghan-nom taghha kienu jammontaw ghal EURO 28,000 oltre l-imghax legali.

5. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jirrifondilha l-flus li kellha depositati f'ismu imma ghan-nom taghha u naqas milli jaghmel dan.

6. Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u sa fejn jaf l-esponenti l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x'jaghtu in konnessjoni mat-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhiex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-attrici bid-dispensa tas-smigh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallasha u jirrifondilha s-somma ta' €28,000 oltre l-imghax legali mill-5 ta' Lulju 2018 rapprezentanti flus taghha li huwa kien qed izomm ghan-nom taghha waqt li kien kuratur taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2018, Dokument JV1 u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Rat l-atti;

Rat li l-Qorti iddiferiet il-kawza ghat-22 ta’ Jannar 2019 biex jidher il-konvenut izda la hu u lanqas id-difensur tieghu ma dehru biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tal-attrici fejn ikkonfermat bil-gurament taghha illi n-nannu l-konvenut kien kuratur taghha peress illi missierha hu unknown father u ommha kellha impediment legali milli tamministra l-beni tal-minuri; illi l-konvenut hu missier ommha; illi l-flus fil-bank HSBC huma taghha u li f'xi zmien il-konvenut harighom mill-bank pero ma tahomlhiex, u ghalkemm talbithomlu diversi drabi, irrifjuta li jaghddihomla; illi dawn il-flus kienu bonds moghtija lilha miz-zija u n-nanna; u n-nannu kien kuratur mahtur mill-Qorti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata u ippruvata u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut Kristinu Vassallo jirrifondi lil attrici s-somma ta' tmienja u

ghoxrin elf (€28,000) rapprezentanti depositu f'account f'ismu ghan-nom tal-attrici, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur